

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B**

**DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**tad-19 ta' Awwissu 2010**

**dwar nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti għar-rappurtar tal-istatistika**

*(BĊE/2010/10)*

(2010/469/UE)

(ĠU L 226, 28.8.2010, p. 48)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <b><u>M1</u></b>	Deċiżjoni (UE) 2016/244 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-18 ta' Diċembru 2015	L 45	13	20.2.2016
► <b><u>M2</u></b>	Deċiżjoni (UE) 2017/468 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta' Jannar 2017	L 77	1	22.3.2017

**▼B****DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW****tad-19 ta' Awwissu 2010****dwar nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti għar-rappurtar tal-istatistika****(BĊE/2010/10)**

(2010/469/UE)

*Artikolu 1***Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni:

1. "aġent għar-rappurtar" għandha jkollha l-istess tifsira mogħtija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98;

**▼M2**

2. "istituzzjoni monetarja finanzjarja" (IMF) għandha l-istess tifsira kif hemm fil-punt (a) tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/33)<sup>(1)</sup>; u fir-rigward tar-Regolament (UE) Nru 1333/2014 tal-Banek Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/48)<sup>(2)</sup> għandu jinqara sabiex jinkludi l-friegħi kollha tal-IFM li jinsabu fl-Unjoni Ewropea u tal-EFTA, sakemm ma jiġix pprovdut mod ieħor fi kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dak ir-Regolament;

**▼B**

3. "ksur" u "sanzjoni" għandhom l-istess tifsira mogħtija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2532/98;
4. "mġieba ħażina serja" tinkludi kull wieħed mill-ksur tar-rekwiżiti għar-rappurtar segwenti mill-aġenti għar-rappurtar:
  - (a) rappurtar sistematiku ta' dejta mhux korretta;
  - (b) nuqqas ta' konformità sistematika mal-istandards minimi għar-reviżjonijiet;
  - (ċ) rappurtar intenzjonalment mhux korrett, imdewwem jew mhux komplet;
  - (d) grad insuffiċjenti ta' diliġenza jew koperazzjoni mal-BĊN rilevanti jew il-BĊE;
5. "bank ċentrali nazzjonali kompetenti" (BĊN kompetenti) tfisser il-BĊN tal-Istat Membru li fil-ġuriżdizzjoni tiegħu seħħ il-ksur;

**▼M2**

6. "skadenza tal-BĊN" tfisser id-data stabbilita minn kull BĊN sabiex jirċievi dejta mingħand l-aġenti li jirrapportaw;

<sup>(1)</sup> Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta Settembru 2013 dwar il-karta tal-bilanċ tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2013/33) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 1).

<sup>(2)</sup> Regolament (UE) Nru 1333/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta' Novembru 2014 dwar l-istatistika tas-swieq monetarji (BĊE/2014/48) (ĠU L 359, 16.12.2014, p. 97).

**▼ M1**

7. “fond ta' investiment” (FI) għandha l-istess tifsira bħal fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1073/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/38) <sup>(1)</sup>;
8. “istituzzjoni giro tal-uffiċċji tal-posta” (POGI) għandha l-istess tifsira bħal fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1074/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/39) <sup>(2)</sup>;
9. “korporazzjonijiet vetturi finanzjarji involuti fi tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni” (FVC) għandha l-istess tifsira bħal fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1075/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/40) <sup>(3)</sup>;

**▼ M2**

10. “fergħa” tfisser post tan-negozju li jiffirma parti legalment dipendenti ta' istituzzjoni u li twettaq b'mod dirett it-tranżazzjonijiet kollha jew uħud minnhom inerenti fin-negozju ta' istituzzjonijiet;
11. “fergħa li tinsab fl-Unjoni u l-EFTA” tfisser fergħa li tinsab u hija rreġistrata fi Stat Membru tal-Unjoni jew f'pajjiż tal-EFTA.

**▼ B***Artikolu 2***Skop tal-applikazzjoni****▼ M2**

1. Il-BĊE u l-BĊNi għandhom jimmonitorjaw il-konformità tal-aġenti li jirrapportaw mal-istandards minimi meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar tagħhom, kif stipulat fl-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/2013), l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1072/2013 (BĊE/2013/34) <sup>(4)</sup> l-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38), l-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1074/2013 (BĊE/2013/39), l-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1075/2013 (BĊE/2013/40) u l-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 1333/2013 (BĊE/2014/48). F'każ ta' nuqqas ta' konformità, il-BĊE u l-BĊN kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jwettqu fażi ta' valutazzjoni u/jew jibdew proċedura ta' ksur kif imsemmi fl-Artikolu 3(1) u (2). Wara proċedura ta' ksur, il-BĊE jista' jimponi sanzjonijiet skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1073/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2013 dwar statistika dwar l-attiv u l-passiv ta' fondi ta' investiment (BĊE/2013/38) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 73).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Bank Ċentrali Ewropew (UE) Nru 1074/2013 tat-18 ta' Ottubru 2013 dwar obbligi ta' rapportar statistiku għal istituzzjonijiet giro tal-uffiċċji tal-posta li jirċievu depożiti mingħand residenti fiż-żona tal-euro li mhumiex istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2013/39) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 94).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1075/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2013 dwar statistika fuq l-attiv u l-passiv ta' korporazzjonijiet finanzjarji vettura involuti fi tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni (BĊE/2013/40) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 107).

<sup>(4)</sup> Regolament (UE) Nru 1072/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Settembru 2013 dwar statistika fuq rati ta' imgħax applikati minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2013/34) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 51).

**▼ B**

2. Sanzjonijiet jistgħu jiġu imposti wara proċedura ta' ksur f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' standards minimi għat-trażmissjoni (b'rabta ma' rekwiżiti ta' puntwalità u rappurtar tekniku), eżattezza (b'rabta ma' kostrizzjonijiet lineari u konsistenza tad-dejta mal-frekwenzi kollha) u konformità kunċettwali (b'rabta ma' definizzjonijiet u klassifikazzjonijiet). Sanzjonijiet jiġu ukoll applikati f'każ ta' imġieba ħażina serja.

**▼ M2**

3. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-BĊE li jimponi sanzjonijiet bis-saħħa tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 2533/98.

**▼ B***Artikolu 3***Fażi ta' valutazzjoni u proċedura ta' ksur**

1. Qabel it-tnedija ta' proċedura ta' ksur taħt ir-Regolament (KE) Nru 2532/98 u r-Regolament (KE) Nru 2157/1999 (BĊE/1999/4):

**▼ M2**

(a) il-BĊE jew il-BĊN kompetenti jista', fejn ikun irregiſtra nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tar-rappurtar, jagħti twissija lill-aġent li jirrapporta kkonċernat biex jinfurmah dwar in-natura tan-nuqqas ta' konformità rregiſtrata, u jirrakkomanda miżuri korrettivi li għandhom jittieħdu sabiex tiġi evitata ripetizzjoni tan-nonkonformità;

**▼ B**

(b) il-BĊE jew il-BĊN kompetenti jistgħu jistaqsu lill-aġent għar-rappurtar ikkonċernat għal kull taġrif b'rabta man-non-konformità skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 2157/1999 (BĊE/1999/4);

(ċ) l-aġent għar-rappurtar ikkonċernat għandu jingħata opportunità biex jagħti spjegazzjonijiet jekk iqis illi n-non-konformità kienet dovuta għal ċirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom.

2. Il-BĊE jew il-BĊN kompetenti jistgħu jniedu proċedura ta' ksur skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2532/98 u l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2157/1999 (BĊE/1999/4). Għandhom japplikaw ukoll ir-regoli segwenti:

(a) proċedura ta' ksur għandha titnieda, mingħajr fażi ta' valutazzjoni, f'każ ta' mġieba ħażina serja;

(b) mingħajr preġudizzju għall-punt (a), proċedura ta' ksur għandha titnieda wara li tkun ġiet irregiſtrata non-konformità ripetuta mill-BĊN kompetenti, sakemm:

(i) il-BĊE jew il-BĊN kompetenti iqisu illi ebda proċedura ta' ksur m'għandha titnieda peress illi wieħed jew aktar mill-każijiet ta' non-konformità rregiſtrati huwa lil hinn mill-kontroll tal-aġent għar-rappurtar; jew

(ii) il-multa potenzjali ma tilħaqx il-limitu minimu għall-imposizzjoni ta' sanzjoni.

**▼B**

3. Jekk il-BĊE jew il-BĊN kompetenti iniedu proċedura ta' ksur, il-proċedura għandha ssir skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2532/98, inkluż il-ħruġ ta' notifika bil-miktub u l-adozzjoni ta' deċiżjoni motivata mill-BĊE.

*Artikolu 4***Applikazzjoni ta' sanzjonijiet**

1. Is-sanzjonijiet għandhom ikunu maħduma abbażi ta' proċedura fuq żewġ fażijiet. L-ewwel jinħadem ammont bħala bażi ta' referenza li jirrifletti aspetti kwantitattivi. Iċ-ċirkostanzi tal-każ kif imsemmi fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2531/98 huma mbagħad ikkunsidrati u jistgħu jeffettwaw l-ammont attwali tas-sanzjoni.

**▼M2**

2. F'każ ta' ksur marbut mat-tempenstività, is-serjetà tal-ksur għandha tiddependi fuq in-numru ta' jiem ta' xogħol jew sığhat ta' dewmien fil-konfront tal-iskadenza tal-BĊN jew tal-iskadenza tal-BĊN.

**▼B**

3. F'każ ta' ksur marbut ma' nuqqas ta' eżattezza u/jew konformità kunċettwali, is-serjetà tal-ksur għandha tiddependi fuq id-daqs tal-iżball. Il-BĊE m'għandux jikkunsidra żbalji ta' aġġustament jew żbalji negliġibbli. Barra minn hekk, għal dak li jirrigwarda l-konformità kunċettwali, reviżjonijiet ordinarji, jiġifieri reviżjonijiet mhux sistematiċi lis-serje rrapportata fil-perjodu (xahar jew trimestru) wara r-rappurtar inizjali, m'għandhomx ikunu meqjusin bħala każijiet ta' non-konformità kunċettwali.

4. Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 jistabbilixxi s-sanzjonijiet massimi li jista' jimponi l-BĊE fuq l-aġenti għar-rappurtar.

5. Jekk ksur tar-reqwiziti għar-rappurtar tal-istatistika jirriżulta ukoll fi ksur tar-reqwiziti għar-riżervi minimi, ebda sanzjoni m'għandha tiġi imposta għall-ksur tar-reqwiziti għar-rappurtar tal-istatistika.

**▼M2***Artikolu 4a***Risposti għad-domandi**

L-aġenti li jirrapportaw għandhom jirrispondu domandi li jirrigwardaw każijiet possibbli ta' nuqqas ta' konformità mar-reqwiziti tar-rappurtar tal-istatistika fil-perjodu ta' żmien li jistabbilixxi l-BĊE jew il-BĊN rilevanti.

**▼B***Artikolu 5***Dispożizzjoni finali**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2010. Għandha tapplika mill-perjodu ta' referenza Diċembru 2010 għar-reqwiziti għar-rappurtar ta' kull xahar u annwali u mir-raba' trimestru tal-2010 għar-reqwiziti għar-rappurtar trimestrali.